-

10 ta' Ottubru 2009

Ref. 5/194/04

**Laqgha Nru. 32**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2009, Paola. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghall-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u il-Vici Sindku Borg, il-Kunsillier Lynch, il-Kunsilliera Ebejer, l-Kunsillier Borg Myatt u l-Kunsillier Dalli. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ippressjeda din il-Laqgha.

**1) Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-laqgha Nru. 31**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

Is-Sindku talab minuta silenzu ghal ruh is-Sinjura Carmen Seychell li tigi l-mara tal-kunsillier Nicholas Seyhell bhala solidarjeta ghal mewt taghha.

**1) Korrispondenza**

**1.1-Ittra mill-Kummissjoni Festa Kristu Re ,** il-Kappillan baghat kopja lill-Kunsill ta' l-ittra li baghat lis-Supretendent biex jaghmel statwa ta' Kristu Re fi Triq Tal-Borg. Il-Membri tal-Kunsill innotaw din il-korrispondenza.

**1.2-Ittra mill-Kummissjoni Festa Kristu Re** il-Kappillan baghat kopja lill-Kunsill ta' l-ittra li baghat lill-ADT biex icaqlaq il-Bus Shelter tal-Pjazza minn fejn hu illum. Il-Membri tal-Kunsill innotaw din il-korrispondenza.

**1.3 – Ittra minn Renell Ltd** L-Avukat ta' din il-Kumpanija baghat ittra ufficjali lilll-Kunsill biex jithallas il-flus dovuti lilu fuq il-Progett tal-Bankina ta' Valletta RD. Is-Sindku qal li s-Segretarju biex jinfurmah li x-xoghol li kellu jaghmel jista jaghmlu u biex ikun jista jithallas mill-Mepa minnufih.

**1.4 – Ittra mill-Ambaxxata Russa** biex jaghmlu kuncert flimkien mal-Kunsill gewwa Paola. Il-Kunsillier Lynch qal li kellu kuntatti maghhom biex il-Kuncert issir nahr l-hamis 15 ta' Ottubru 2009 fis-7.00pm fil-Kazin tal-Banda Kristu Re bhala Kunsill spejjes kull ma ser ikollu huma t-Trasport u d-*drinks u refreshments* li ser jigu offruti lill-bandisti. Il-membri tal-Kunsill aprovaw din l-attivita.

**1.5 – Ittra mir-Residenti ta' Triq It-Tramuntana** biex it-Triq tinghalaq ghal karozzi. Il-Membri tal-Kunsill approvaw li nibghatu l-ADT biex din it-Triq tinghalaq u jkun jista jsir il-pavimentar taghha.

**1.6 Ittra Minn Favourite Channel** Biex jahgmlu programm fuq Paola. Il-membri tal-Kunsill approvaw li tinghata ghotja ta' €75.00 fil-Program biex jgib reklam tal-Kunsill.

**1.7 Ittra minn TCTC** biex juzaw is-Sala tal-kunsill biex joffri korsijiet ghal pubbliku. Is-Sindku qal li sala ghandha tinghata bil-Kundizzjoni li jaghtina sponsor ghas-siggijiet tas-Sala.

**1.8 Ittra mill-ETC fuq il-Commity Worker** li Kunsill kien applika. Fl-ittra infurmawna li ser jibghatu tlett haddiema li kienu jirregistraw ghal sitt xhur. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**1.9 Ittra mil-Acess Audit** fejn qeghda tinfurmana li progett tal-Gnien ta' Paola Hill gie approvat min-naha tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Dizabilita.

**1.10 Ittra mill-Mepa fuq il-UIF Funds.** Il-Mepa qeghda tinfurma il-Kunsill bil-fondi li ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu biex juzhom fi progetti f' Paola. Is-Segretarju inform lill-Kunsill li diga applikajna ghal uhud minn dawn il-fondi u bhal issa qeghdin nistennew l-permessi tal-Mepa.

**1.11 – Petizzjoni mir-Residenti fi Triq Joseph Stivala** biex issir *One Way.* Il-membri tal-Kunsill approvaw li din it-Triq issir *One-Way* u ghalhekk ser niktbu biex dan is-suggeriment jigi approvat mill-ADT.

**1.12 – Ittra minn Creative Thinking**. Is-Sinjura Lara Vassallo ser terga taghmel korsijiet ghal omijiet fil-Kunsill matul il-gimgha fil-hinijiet tal-ftuh tal-Ufficini tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw li jsiru dawn il-korsijiet.

**1.13 – Laqgha ma Monte Carmeli**. Is-Sindku qal li kellu laqgha mad-Direttur tal-Isptar Monte Carmeli fejn talbu parti mis-sala tal-Kunsill biex jipprovdu servizzi mentali fil-Komunita. Il-Kunsilll iddecieda li ghandha issir talba formali.

**1.14 – Ittra mill-ETC** is-Segretarju ipprezenta il-Lista tal-part-time clerks li l-ETC baghtilna biex naghzlu minnnhom. Is-Sindku qal li l-bord tal-ghazla ser jkun iffurmata minnu l-Kunsillier Dalli , l-Kunsilliera Ebejer u s-Segretarju tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera Ebejer kellha titlaq mil-Kamra fis 7.15pm minhabba li kellha impenji ohra.

**2) Festa Tac-Centenarju**

Is-Sindku qal li wara li Kunsill iltaqa mal-Kumitat li qieghed jorganizza din l-attivita u wasal iz-zmien biex tittiehed decizjoni. Il-Kunsill iddecieda li ser jidhol biex jorganizza Attivita Socjali ta’ 30 ta’ Gunju 2010 bil-partecipazzjoni taz-zewg baned. Il-Kunsill lest ukoll li jaghmel Lapida biex tikkomemora din il-gurnata u lest li jidhol ghal parti mill-ispiza tal-fuljet li ser johrog biss s-somma ta’€1165.00. Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimamnet.

**3) Il-Bankina Tal-Pjazza**

Is-Sindku qal li dan l-ahhar kellu laqghat mal-Perit tal-Kunsill biex napplikaw il-mepa halli nibdlu kollha il-bankina ta’ quddiem l-kazin tal-Banda Kristu Re sal-Kazin tal-Hibernians Fc u ma din ser nirrangaw parti mil-Bankina fi Triq Bormla u parti ohra fi Triq Haz-Zabbar quddiem Piscopo . Il-Membri tal-kunsill approvaw dawn il-Bankini godda li jsiru.

**4) Sleeping Police Triq Is-Sultana**

Is-Sindku ipprona li ssir slepping Police gdida fi Triq Is-Sultan hdejn il-Bini Parrokjali minhabba il-periklu tat-Traffiku li qieghed jkun hemm f’din it-Triq. Il-membri tal-Kunsill approvaw ssir.

**6) Skola Primarja Paola**

Is-Segretarju qal li gie avvicinat minn hafna ommijiet minhabba li l-iskola Prmarja ghandha it-twieqi taghha ma jinfethux billi huma antiki hafna u minhabba li hawn dan il-virus qeghdin jinkwetaw hafna. Il-Membri tal-Kunsill qablu li niktbu l-Education biex it-twieqi jigu rrangati, u tinghata l-attenzjoni xierqa lil din l-iskola.

**7) Laghqa l-Mepa**

Is-Segretarju informa il-Kunsilliera li ser issir laqgha il-Mepa biex jiddiskutu il-fondi li hemm u kif sejrin jintefqu biex ma nitilfu xejn minnhom. Hu Kompla jghid li parti mill-Flus ha jintefqu fi Gnien Pawlu Boffa u fuq ir-Refurbishment tal-latrini tal-Pjazza.

Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal laqgha fis-7.30pm

**8) Contract Manager**

Is-Sindku reggha ressaq ghal approvazzjoni it-Tender tal-Contract Manager.

Il-Kunsillier Dalli qal li l-ahjar dan jinghata  ghal tlett xhur biss. Is-segretarju qal li fil-Kuntratt kellu li ghal sena u jiggeded ghal massimu ta' tlett snin.

Il-Kunsillier Borg Myatt sostna li hu ma jaqbilx ma dan it-Tender minhabba li l-Kunsill bil-Contract Manager u minghajru xorta il-Kunsill ser jiehu id-decizjoni jekk iwaqqafx kuntrattur jew le.

Il-Vici Sindku Borg qal li dan il-bniedem ghandu xoghol iehor l-Airmalta u ghalkekk m jafx kif ha jlahhaq biex jiccekja kuljum il-Latrini ezempju.

Wara diskussjoni twila fuq dan l-Item kellu jitkompla fl-laqgha ohra biex is-Sindku jiehu parir legali.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-9.00pm.

Approvati Illum ___________

| ___________ | ________________ |
| --- | --- |
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |